L-ilsna ta' l-Ewropa għandhom kollha dizzjunarji tajbin li jgħaġġbuk. Tfittex kelma u ssib in-nisel tagħha, il-għamliet kollha li tiegħu, il-għajdut kollu li jitnissel minnha u t-tifsir imżewwaq li jista' jkollha fil-ħabtiet kollha tal-ħajja; u inti tħoss li fuq dik il-kelma ma jonqsok xejn. Sabiħ! imma staqsi kif saru dawk id-dizzjunarji; kemm nies ħadmu fihom; kemm dizzjunarji twieldu u mietu qabilhom biex huma waslu għal dik it-tjieba, dik is-saħħa u dak il-ġmiel li semmejna.

Ma ilux wisq ġiet f'idejna kopja tad-"*Daily Telegraph*" tas-7 ta' Settembru tas-sena li ħarġet, fejn Dr. Betty Morgan jitkellem fuq id-dizzjunarju tal-lsien franċiż, imhejji mill-Akkademja Franċiża u li għadu kif tlesta. Ma għandna x'naħsbu xejn: għandu jkun dizzjunarju li jsaħħar lil kull min jużah; dizzjunarju kif jixraq lill-ilsien franċiż, għani b'letteratura tal-għaġeb u aktarx il-lsien l-iżjed preċiż fit-tifsir tal-kliem tiegħu. Iżda lill-kompilaturi tiegħu swielhom ix-xogħol ta' ħamsin sena, u din l-edizzjoni hi t-tmien waħda li għandha tiegħu l-post ta' dik ta' qbilha, li ħarġet fl-1878.

U għandu wieħed iżomm quddiem għajnejh illi l-kittieba li ħadu sehem f'dak ix-xogħol huma mill-aqwa kittieba ta' Franza, biex ma ngħidx tad-dinja, għaliex in-nies li jidħlu fl-Akkademja ta' Franza jridu jkunu taw xhieda qawwija tal-mertu tagħhom fil-letteratura, fix-xjienza jew f'xi qatgħa oħra tat-tagħlim.

Għalhekk, ta' min ifaħħarha l-kelma ħierġa mill-qalb ta' min iħobb 'il-Malti, u x-xewqa li jkollna dizzjunarju tajjeb tal-lsien malti; iżda billi aħna nafu xi ftit xi jfisser dizzjunarju tajjeb u x'jeħtieġ biex isir, lil dawn il-ħbieb ngħidulhom li bil-qalb it-tajba jissabbru xi ftit u jistennew, għaliex dizzjunarju tajjeb qatt ma sar bil-għaġla.

# MINN FUQ IL-BARRAKKA

Madwari, tista' tgħid, kollox għadu jinsab midfun f'ngħasa ħelwa u ħafifa. Fejnha dik il-ħeġġa tal-port? Sebaħ m'hux ħażin imma għad hemm ħemda kbira ma' kullimkien. Tielgħa, iżda, naqra naqra x-xemx. Ġa tidher tgħolli rasha minn fuq il-baħar is-sultana tal-ħolqien. Tielgħa! Tielgħa! U wara ftit

lewn il-ward id-dija tagħha
timla s-sħab ....................

DUN KARM, Il-Għodwa.

Xi ġmiel! Issa lejn kull fejn tħares tarah jieħu l-ħajja u tħossu jimlielek qalbek bi ħlewwa kbira. Il-baħar, qisu żġieġa tlellex taħt il-bewsa tax-xemx, jibqa' sejjer, fil-bogħod il-bogħod sa kemm l-għajn tarah donnu jsir ħaġa waħda mas-sema sbejjaħ tassew fil-kħula tiegħu. Imbagħad xi naqra ta' sħaba żgħira, mitlufa minn sħabha, tgħaddi ta' kull tant minn quddiem ix-xemx donnu biex lilha ssellem u tqim.

Issa beda x-xogħol fuq ġifen Ingliż qawwi u setgħan li jinsab quddiem il-fortizza tar-Rikażli li kienet mibnija mill-Kavalieri ta' San Ġwann biex, flimkien ma' Sant'Jermu, tħares id-daħla tal-port mill-għadu. Kollox ħaj, kollox jitħarrek! X'ingħidu mbagħad għal dawk l-ilsna ta' art li, ħerġin għal ġol-baħar, jagħmlu bejniethom daħliet kbar, sbieħ, fondi u kennijin. In-naħa tar-Rinella, bajja ċkejkna u kwieta, għad ma ssaffiex l-ajru minn xi ftit taċ-ċpar. Imma jidhru dawk l-antenni tal-*wireless* donnhom iridu jilħqu s-sema b'tulhom, donnhom iridu jindukraw dak l-ilsien ta' art ħiereġ bejn ir-Rinella u l-Kalkara msebbaħ bl-isptar ta' Bigi — dan, għall-flotta Ingliża, wirt ta' żmien il-Kavalieri li minn Rodi kienu nġabru f'Malta, gżira ċkejkna fid-daqs imma kbira fl-istorja.

Fid-daħla tal-Kalkara bosta dgħajjes—nistħajjel l-ebda waħda bħall-oħra fil-lewn—jidhru jitbennu fuq wiċċ l-ilma. Imbagħad toħroġ il barra għal ġo nofs il-port il-fortizza ta' Sant'Anġlu mdawra bi swar għoljin fejn l-inqas ġebla hija

għalina għażiża għax ħadet sehem fir-rebħa ta' Mnsar il-Misilmin. Tbiddlu ż-żmenijiet u fuq l-istess swar fejn ! K Uq mitt sena ilu kienet tinsab imwaqqfa l-bandiera tal-Kaval - l-lum naraw tperper bandiera oħra li, fi kliem l-orfila n ^!1 Malti, S m PoeU

"Ta' Gżiritna" hija żgur "wens u ġieħ".

Dw KARM, **LiU-Bandiera** Ingiu&.

It-tlitt ibliet, li jagħmlu bħal ngħala ma' dwar id-daħl tat-Tarżna u li jaqbżu fii-gfiajn gfial kif donnhom ħuġġieġa waħda l-qċaċet tad-djar, tistħajjilhom telgħin minn ġor-ragħwa ta' l-ilma l-istess kif telgħet Ċiterea. Il-koppli u l-kampnari tal-knejjes imwaqqfa f'dawn l-ibliet imżejna b'ismijiet li jiddu fl-istorja ta' l-imgħoddi, għad ma jidhrux tajjeb biż-żejjed minħabba ftit kemm kemm taċ-ċpar. Hekk ukoll wieħed għad l-anqas jista' jilmaħ dawk it-twieqi u gallarijiet miżbugħin aħdar igħajjat.

Laneċ żgħar, miżbugħin iswed, jaqsmu, mingħajr ma jagħtu wisq fil-għajn, mix-xatt tal-Belt li ħadet isimha mill-Qrammastru La Valette li bnieha, għax xtut l-ewwel ta' l-Isla u wara ta' San Lawrenz u minn hemm jerġgħu lura għal minn fejn kienu ġew. Imbagħad fnofs id-daħla tat-Tarzna nilmaħ marbut ma' l-ankra bastiment ċkejken abjad biċ-ċummija safra li jgħaxxaq bl-indafa tiegħu.

t*i d ab iħ , ?> W t 0ll iHortizza ta San Mikiel bidik H-gardjola 1 iMum imżeina bil-ħdura tas-siġar.

***isxzz. t r u ,retea,ini rai bu « *"***

mill-beraħ f'ħin wieħed stejqer
mfs ħelu ta' fewġa,

Ġ. DBUA, S.J., **Qatra ta' Nida.**

u ftit wara nilmaħ d^ħaisa tifr*w „1 FC .

taħt ir-rażan tat-tmun, għal xejrt-ir-riħ,
hija ħelu taqbad triqtha.

oUN Karm u Jien



Fid-daħla tal-Franċiżi, ilġewwa sew, tidher biċċa mit Tarzna fejn bosta ħaddiema Maltin jaqilgħu l-ħobża ta' kull jum u, taħt il-għolja ta' Kordin, tara fuq wiċċ l-ilma baċin kbir li jimla kull fejn ikun b'tulu.

Il ġewwa nett, imbagħad, tidher, iżda m'hux kollha il-Marsa fejn il-baħar huwa aktarx dejjem fommu sieket. '

Kemm hu sabiħ il-port! Kemm tassew għandna x'niftaħru bih!

Issa fl-aħjar jasal f'widnejja d-daqq tal-qampiena tal-Knisja ta' Liesse li tinsab ix-xatt tal-Belt sew sew quddiem is-suq tal-ħut fejn igħidulu "fuq il-Ġgant". Jiena minnfuq il-ħadid tal-gall?rna tal-Rarralrb-a m« Hictnir fci:^« :ii ^i. ta' din il-knisja (
dha ta' Iżmelj;
Ġerosolmitan.

F'daqqa waħda tiskot il-qampiena 'ma f'widnejja jibqa' jidwi leħinha li kien fakkarni f'bosta ħsebijiet tal-ħajja u għal-hekk, taħt it-toqol ta' dawk il-ħsebijiet, għadni nħoss lirrid ngħidilha

doqq, o qanpiena,
**sabar T imdejjaq, lil min dineb, ħniena,**
**serħ lill-għajjiena.**

**Ros.** BRIFFA, **Fl-Ave Manj*.**

K- XUEREB.

# TRIQAT MITLUFA

Jien qbadt it-trieq tal-għana
u mxejt imxejt ilġewwa,
qaluli biex nistrieħ għax din it-trejqa
miżgħuda dmugħ u dnewwa, nin,rpm,
>mma jien imxejt blaxein maqgħadt mntrema.
Kelli b'ħija l-ħolqien fiabib hs_sema
u b'rjeda kbira u sħiħa daqs ħadida
kull xħin il-ġmiel żernaqh
għaniejt filsien twelidi għanja gd.da.